**Ruling mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 105 tal-21 ta' Marzu 2023 dwar teħid ta' ritratti fil-Parlament u intervista mal-Ispeaker li dehret f'ġurnal lokali**

Fis-seduta tal-bieraħ tal-20 ta' Marzu 2023 l-Onor. Robert Cutajar u l-Onor. Andy Ellul ġibdu l-attenzjoni tas-Sedja għal diversi punti u nikkwota:

> "**ONOR. ROBERT CUTAJAR:** Sur President, kif għidtlek fil-bidu ta' din is-seduta, jien bħala Whip ta' din in-naħa tal-Kamra rrid nagħmel żewġ każijiet quddiemek; żewġ oġġezzjonijiet. L-ewwel: b'rabta mar-rapport li deher fuq il-ġurnal *KullĦadd* ilbieraħ. Jirriżulta li nġiebu ritratti, li ovvjament ittieħdu minn din il-Kamra. Kif taf inti tajjeb, f'din il-Kamra r-ritratti li jittieħdu dejjem ittieħdu bil-permess taż-żewġ naħat fil-Kamra. Dan però jirriżulta li dan il-ġurnal għoġbu jippubblika ritratti li fl-ebda ħin ma kien hemm xi forma ta' qbil dwarhom. Allura, iktar minn hekk, kif jaf sew numru ta' ministri, inkluż anke l-Prim Ministru, għaliex f'mument minnhom kien hemm referenza għal ritratti li setgħu nġibdu, però peress li din hija l-ewwel okkażjoni wara li dak li ġie ppubblikat fuq il-ġurnal ilbieraħ, jien qed nifhem li mil-lum 'l hemm ma hemm bżonn ta' ebda permessi minn din il-Kamra, u ritratti jistgħu jittieħdu mingħajr qbil, u allura f'kull akkażjoni l-Oppożizzjoni u allura anke l-Gvern ma għandna bżonn l-ebda permess jew qbil bejnietna biex jittieħdu ritratti f'din il-Kamra. Dan qed noħodha li l-fatt li lbieraħ ġew ippublikati dawn ir-ritratti, ma kienx hemm qbil, u allura mil-lum qed nifhem li nistgħu mmexxu b'dan il-mod. It-tieni lment ...
>
> **L-ISPEAKER:** Qed titlobni xi ħaġa dwar l-ewwel ilment?
>
> **ONOR. ROBERT CUTAJAR:** F'idejk.
>
> **L-ISPEAKER:** F'idejja.
>
> **ONOR. ROBERT CUTAJAR:** Qed nirreġistraw. Biex inkun ċar ħalli nkun ċar li fhimtni Mr Speaker, jekk tħoss li għandek tieħu l-passi f'idejk, però li m'hemmx bżonn iktar permess biex jittieħdu ritratti f'din il-Kamra."

L-Onor. Cutajar imbagħad għadda għat-tieni punt u nkompli nikkwota:

> "**ONOR. ROBERT CUTAJAR:** It-tieni oġġezzjoni min-naħa tagħna. Qed nagħmel referenza għall-intervista li kellek inti mal-Ġurnal *It-Torċa*. Din in-naħa, għall-fatti kif ġraw nhar il-Ħamis, min-naħa tiegħek Mr Speaker kont 'l bogħod mill-verità tal-fatti. Nikkwota fuq fatti li inti tista' tiċċekkja anke l-filmati. Fl-ebda ħin ma kien hawn qbil li kellna naqbżu l-ħin tas-sebgħa. Tant huwa hekk, li jekk inti terġa' tara l-filmati, tinduna għal darba darbtejn, flimkien mal-Whip tal-Gvern, aħna ħriġna minn din il-Kamra u kelli anke insistenza mill-Gvern biex din is-seduta tieqaf ukoll fis-sebgħa. Mr Speaker, ma kontx korrett meta għidt – jew għall-inqas ġejt ikkwotat f'din l-intervista – li kien baqa' għaxar minuti għall-Gvern. Jekk terġa' tisma' r-recording ta' dak li għidt inti, mhux x'qalet l-Oppożizzjoni u l-Gvern, inti għidt li l-ħin huwa sas-sebgħa u l-Gvern skadielu l-ħin allokat. Allura kif tiġi Mr Speaker, f'din l-intervista, u inti tgħid u kwotat li l-Gvern kien baqagħlu għaxar minuti? Mhux korrett. F'dak li inti għidt ukoll f'din l-intervista, fejn kien

hemm ukoll anke esperjenzi oħra, kien hemm sitwazzjonijiet identiċi, dak li għadek kemm semmejt inti fir-ruling t'isssa, tajt numru ta' eżempji, għax donnok antiċipajt dak li konna se nagħmlu bħala Oppożizzjoni, dawk kollha li inti indikajt, saru dejjem bi bqil u dejjem fil-ħin li kellha allokata f'dak il-każ l-Oppożizzjoni. Irrid ngħidlek ukoll, Mr Speaker, għaliex meta inti għamilt referenza għall-emenda li l-Gvern naqas li jressaq fil-ħin allokat għalih, fil-fatt din il-Kamra kkonfermat mal-Iskrivan tal-Kamra li huwa stess ma kellux kopja tal-emenda; u allura dak il-ħin ukoll l-Oppożizzjoni ma kellhiex l-emenda. Allura inti ma stajt qatt Mr Speaker tmur fuq dan il-ġurnal u tgħid affarijiet li mhumiex fattibbli ma' dawk li fil-fatt saru. Allura nistenna li anke min-naħa tiegħek, li tagħraf li timxi wkoll jekk jogħġbok mal-fatti kif ġraw. Nerġa' ngħid, importanti Mr Speaker, li inti kkwotajt u tista' tiċċekkja r-recording, li inti għidt għal darba, darbtejn, li l-Gvern kien skadielu l-ħin. Allura dan ifisser li l-Gvern ma kellu l-ebda dritt li jressaq l-emenda. Jekk tara l-filmati wkoll, għadda dokument minn faċċata lill-istess Prim Ministru, probabilment kienet l-emenda, li l-Gvern kien jaf li ħa l-ħin allokat għalih, però naqas li jagħmel referenza għaliha. Allura aħna konna in order u l-fatt kif aġixxejt fil-konfront tal-Oppożizzjoni, Mr Speaker, naħseb li nqast ukoll f'dan ir-rigward.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Is-Sedja diġà ħadet pożizzjoni tagħha u tat ruling tagħha. Is-Segretarju Parlamentari Andy Ellul."

Minnufih wara qam l-Onor Andy Ellul u nikkwota:

"**ONOR. ANDY ELLUL:** Bir-rispett kollu għamel ħafna ... Jien kont nippretendi li l-Oppożizzjoni, wara l-aġir xejn dinjituż tal-Ħamis li għadda, u wara dan ir-ruling, fejn ikkundannahom għall-aġir tagħhom, kont nippretendi li jiġu hawn u jitolbu apoloġija. Dak l-ewwel punt.

**L-ISPEAKER:** Ippermettili ...

**ONOR. ROBERT CUTAJAR:** Point of order.

**L-ISPEAKER:** Jekk jogħġbok. Fil-qosor ħafna għaliex ...

**ONOR. ANDY ELLUL:** Mr Speaker, għadni ma spiċċajtx ...

**L-ISPEAKER:** Ħa nara x'inhuwa l-point of order.

**ONOR. ROBERT CUTAJAR:** Mr Speaker, din in-naħa tal-Kamra tistenna li inti bħala Sedja ma tħallix ċertu kliem jintuża fil-konfront tal-ebda membru.

**L-ISPEAKER:** Fil-qosor, is-Segretarju Parlamentari Andy Ellul.

**ONOR. ANDY ELLUL:** Sur President, iva kont nippretendi li jiġu hawn u jitolbu apoloġija għall-aġir xejn dinjituż tagħhom.

Żewġ punti oħra. (Interruzzjonijiet)

**ONOR. DAVID AGIUS:** Issa hemm il-camera, tkun taf ...

**ONOR. ANDY ELLUL:** Mhux problema. Iva, kien hemm qbil li kull parti tagħmel 75 minuta. Iva, naraw il-filmat u naraw li l-Prim Ministru beda jiġi interrott darba wara l-oħra għaliex beda ovvjament jesponi l-qerq tal-Partit Nazzjonalista. Ovvjament aħna nilqgħu r-ruling u nirrispettaw l-ogħla istituzzjoni.

**L-ISPEAKER:** Is-Sedja se tieħu deċiżjoni fuq dak li talab l-Onor. Robert Cutajar. L-Onor. Randolph Debattista.

**ONOR. RANDOLPH DEBATTISTA:** Sur President, point of order. L-Onor. David Agius implika (Interruzzjonijiet)

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Cutajar tajtek il-kelma. Qed nisma' lill-Onor. Randolph Debattista. L-Onor. Robert Cutajar, jekk jogħġbok. Onor. Karol Aquilina, jekk jogħġbok niżżel il-mobile, għaliex is-Seduta qiegħda tiġi ... Tista' ssegwi ... Allright? (Interruzzjonijiet) Għadni ma tajtx deċiżjoni fuqha. Kompli Onor. Debattista.

**ONOR. RANDOLPH DEBATTISTA:** Sur President, l-Onor. Agius implika u staqsa jekk kontx jien li ħadt ir-ritratti. Niċħad li ħadthom jien. Jiddispjiċini li ma ħadthomx jien. Nassigurah li jerġa' jkun hemm dak l-aġir li joħorġu għan-nofs għalina, iva, noħodhom u nippubblikahom. Il-poplu għandu dritt ikun jaf."

L-Onor David Agius ressaq ilment fir-rigward tar-ritratti li ġew ippubblikati:

"**ONOR. DAVID AGIUS:** Point of order.

**ONOR. ROBERT CUTAJAR:** Taf. Taf li nqastu. Julia taf ukoll. Kont raġel hawn jien.

**ONOR. DAVID AGIUS:** Sur President, la l-Onor. kollega ddeċieda li issa nkunu nafu min ħa dawk ir-ritratti, inti għandek camera li tieħu x-shots kollha li għandna hawn ġew, inkluż meta inti ħriġt u ttieħdu dawk ir-ritratti. Allura nitolbok tagħmel investigazzjoni tiegħek jekk għamilx tajjeb min ħa ritratti, min kien li ħa ritratti, u allura nkompli ma' li qal sieħbi, jekk nistgħux nieħdu ritratti f'dan il-Parlament meta għaddejja s-Seduta.

**ONOR. ROBERT CUTAJAR:** Any time ...

**L-ISPEAKER:** Onor. David Agius, jekk jogħġbok. Mhux se nieħu dawn il-kummenti. Jien smajt b'attenzjoni dak li talab l-Onor. Cutajar. Naċċertah li se nagħmel il-pożizzjonijiet tiegħi, nagħmel investigazzjoni tiegħi, u nagħti r-ruling bħalma tajt diġà ruling, kemm fuq dak li ġara l-Ħamis, kif ukoll fuq it-talba tal-Onor. Adrian Delia.

**ONOR. ANDY ELLUL:** Is-Seduta kienet sospiża, però jien, għan-nom tal-grupp parlamentari Laburista se nitlob għax issa l-Onor. Karol Aquilina u d-deputat ta' ħdejh Sammut, it-tnejn li huma f'wiċċ kulħadd bdew jeħdulna ritratti. Qed nitlob li jingħata ruling.

**L-ISPEAKER:** Onor. Karol Aquilina, is-Sedja jekk jogħġbok qaltlek biex ... (Interruzzjonijiet) Ngħaddu għat-Tqegħid ta' Karti."

Is-Sedja qiegħda tifhem li l-ilmenti li tqajmu lbieraħ jistgħu jinġabru fi tnejn, it-teħid ta' ritratti u filmati minn mobile phones u cameras li mhux tal-Kamra, u dwar intervista li tat is-Sedja u li dehret fis-sit online ta' ġurnal lokali.

Is-Sedja tibda b'tal-aħħar u mill-ewwel tiddikjara li dak li kellha tgħid dwar x'ġara fis-seduta tal-Ħamis li għadda qalitu fl-istqarrija li għamlet sua sponte wara r-ruling li tat ilbieraħ. Iżżid biss li dak li qalet dwar il-proposta inizjali li jiġu allokati 75 minuta għal kull naħa tal-Kamra lbieraħ ġiet korroborata wkoll mill-Whip tal-Gvern. Ir-ruling huwa ċar ħafna u ma hemmx aktar x'inżid. Anzi proċeduralment aktar minn preċiż u nieqaf hemm.

Issa niġi għall-punti mqajma dwar it-teħid ta' ritratti u filmati fil-Kamra is-Sedja tinnota dan li ġej:

Dwar din il-materja, l-Ordnijiet Permanenti jitkellmu biss dwar dak li huwa xandir tas-seduti liema Ordni Permanenti ġie emendat bis-saħħa tar-riżoluzzjoni nru 229 tal-2015, jiġifieri s-sena meta l-Parlament beda juża din il-binja u jxandar b'mod viżiv kull seduta u kull kumitat tal-Kamra. Nikkwota:

> "**173A.** (1) Il-Kamra tawtorizza, skont it-termini, kundizzjonijiet u regoli li jistgħu jkunu determinati mill-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra minn żmien għal żmien, ix-xandir kemm b'mod dirett kif ukoll rekordjat, bil-viżiv u bl-udit, tas-seduti tal-Kamra tad-Deputati fil-Plenarja u tal-Kumitati maħtura mill-Kamra fl-intier tagħhom permezz tar-radju, it-televiżjoni, l-internet jew kull mezz ieħor li l-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra jidhirlu xieraq.
> (2) Is-seduti tal-Kamra tad-Deputati fil-Plenarja għandhom jixxandru fl-intier tagħhom u diretti bir-radju mill-Public Broadcasting Services.
> (3) L-Ispeaker jista' jordna l-interruzzjoni tax-xandiriet meta, fl-opinjoni tiegħu, hekk ikun meħtieġ.
> (4) Fil-każ ta' seduti miżmuma fil-magħluq, dawn is-seduti ma jixxandrux."

Irrid infakkar li biex setgħu jibdew jintużaw il-cameras fil-Kamra u fil-Kumitati b'mod regolari, iż-żewġ naħat qablu ma' numru ta' linji gwida li jirregolaw u jillimitaw l-użu ta' dawn il-cameras. Qiegħed nirreferi għad-dokument li ġie approvat mill-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra datat 3 ta' Mejju 2015 bl-isem "Guidelines regulating audio visual broadcasting of parliamentary sittings". Fost dawn il-linji gwida nsibu dan li ġej:

> "3. Broadcasts shall cease while the sitting is suspended or as soon as it is adjourned.
>
> ...
>
> 5. On occasions of grave disorder or un-parliamentary behaviour, camera coverage should be directed towards the presiding officer.

"Grave disorder" refers to incidents of individual misconduct of such a serious disruptive nature as to place in jeopardy the continuation of the meeting. "Un-parliamentary behaviour" is intended to signify any conduct which amounts to defiance of the Chair but which falls short of grave disorder.[1]

...

8. Subject to the provisions of guideline no. 9 camera coverage should remain on the person who has the floor until he/she concludes his/her remarks. Wide-angle shots during sittings of the House of Representatives in plenary are not permitted unless the House decides otherwise.

9. In order to better reflect the business being transacted, reaction shots (e.g. during question time and statements when a Minister is being asked a question or a member is listening to the reply of a question) may be permitted.[2]

Interjections by Members of Parliament who are not given the floor by the presiding officers are not covered."

Minn dan joħroġ li kemm l-Ordnijiet Permanenti kif ukoll il-linji gwida kif approvati fl-2015 huma siekta dwar l-użu ta' mobile phones u cameras fil-Kamra jew fil-Kumitati.

Is-setgħa li s-Sedja għandha li tordna lill-barranin li jkunu qed isegwu seduta biex ma jeħdux ritratti jew filmati toħroġ mill-OP 168 li titkellem dwar x'jiġri meta barranin jkun qed iġib ruħu ħażin. Is-Sedja jidher li dejjem interpretat li t-teħid ta' ritratti u filmati tal-proċeduri tal-Kamra mingħajr permess m'għandux jiġi aċċettat. Tan hu hekk li kull meta jkun hemm talba għal dħul ta' fotografi u videographers fil-Kamra jew fil-Kumitat, dejjem ikun jeħtieġ il-permess taż-żewġ naħat tal-Kamra. Dan kif dikjarat ukoll fir-ruling mogħti fis-Seduta 538 tal-25 ta' Jannar 2022.

Is-Sedja tagħmel referenza wkoll għal ruling mogħti fis-Seduta 466 tad-9 ta' Jannar 2017 appuntu dwar każ meta ġew pubblikati ritratti ta' Membri jindirizzaw lill-Kamra li ġew meħuda mhux mill-cameras tal-Parlament. Dakinhar is-Sedja kienet ikkonkudiet ir-ruling b'dan il-mod:

"Għalhekk, peress li s-Sedja m'għandha l-ebda poteri li tapplika xi forma ta' sanzjoni dwar l-użu tal-*mobile phones* mill-Membri parlamentari waqt id-dibattiti tal-Parlament peress li m'hemm l-ebda regolamentazzjoni li torbot lill-Kamra, is-Sedja qed tagħmilha ċara li filwaqt li tingħaqad mal-appell li għamel id-Deputy Speaker dakinhar li tqajjem il-każ, tħeġġeġ sabiex fl-ewwel okkażjoni, fil-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra, il-Gvern u l-Oppożizzjoni għandhom jaqblu li jibdew jiddiskutu dan il-punt b'mod matur sabiex jiġu stabbiliti guidelines dwar l-użu tal-mobile phones jew tablets fil-Kamra tad-Deputati waqt is-seduti parlamentari u l-kumitati tal-Kamra."

[1] The Rules of Coverage Annex 2 Use of the Signals (UK)
http://www.bbc.co.uk/editorialguidelines/page/guidance-parliamentary-broadcasting-signals

Minn dan joħroġ ċar li r-regolamenti tal-Kamra huma siekta fuq din il-materja u allura, ai termini tal-Ordni Permanenti 197, is-Sedja rreferiet għall-prattiċi tal-House of Commons tar-Renju Unit. Taħt it-Taqsima bl-isem "Electronic devices, phones and cameras" insibu dan lil ġej:

> "Mobile phones (or cameras) must also not be used for audio recording or photography, which is forbidden in the Chamber".

Dan l-istess provvediment jagħmel referenza għall-pubblikazzjoni tal-House of Commons bl-isem "Rules of behaviour and courtesies in the House of Commons" liema dokument ġie aġġornat b'verżjoni maħruġa f'Settembru 2021 u nikkwota mill-parti relevanti:

> "23. The House has agreed to the use in the Chamber of hand-held electronic devices provided that they cause no disturbance and are not used in such a way as to impair decorum. Their use should be confined to enabling your participation in debate. You may use electronic devices in place of paper notes in debate and may consult them when you are not speaking, but they must not distract you or others from the debate going on or make it look as if you are not listening. All such devices must be in silent mode and the taking of telephone calls or listening to voicemails in the Chamber is prohibited.
>
> 24. You must not use any device to take photographs, film or make audio recordings in or around the Chamber."

Għaldaqstant is-Sedja tixtieq tesprimi ruħha kontra t-teħid ta' filmati u ritratti b'mobile phones, cameras jew xi mezz ieħor fil-Kamra jew fil-Kumitati, waqt li dawn ikun qed jiltaqgħu, dejjem sakemm ma jkunx hemm il-qbil tal-Kamra jew tal-Kumitat skont il-każ. Hija wkoll tal-fehma li fin-nuqqas ta' dan il-permess, id-dekor tal-Kamra, ir-rispett bejn il-Membri Parlamentari, l-etikett u l-imġiba xierqa jitolbu li filmati u ritratti m'għandhomx jittieħdu la fil-Kamra jew fil-Kumitati u lanqas fil-madwar partikolarment meta l-Membri jkunu qegħdin hemm biex jaqdu l-mandat parlamentari tagħhom.

Is-Sedja għalhekk itenni dak li qalet fir-ruling fuq ċitat li ż-żewġ naħat tal-Kamra għandhom jibdew jiddiskutu b'mod matur sabiex jiġu stabbiliti linji gwida dwar din il-lmaterja kif ukoll dwar l-użu tal-*mobile phones* jew *tablets* fil-Kamra tad-Deputati waqt is-seduti parlamentari u l-kumitati tal-Kamra.